# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti tas-Sittax il-laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar il-Erbgħa 3 ta' Awwissu 2016 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fis-Sitta u kwart ta' filgħaxija (6.15pm)*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Frank Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Jean Paul Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |

## *1. Talba.*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## *2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Ħmistax-il laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Erbgħa 6 ta' Lulju 2016.*

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, s-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *3. Komunikazzjoni mis-Sindku*

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono irrimarka li ma kienx hemm komunikazzjoni xi jsiru.

## *4. Deċizjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mis- 7 ta' Lulju 2016 sat-3 ta' Awwissu 2016.*

4.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab kummenti jew mistoqsijiet dwar il-lista ta' korrispondenza msemmija hawn fuq li ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

4.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq korrispondenza minn Transport Malta li ma qablitx mal-proposta li t-triq tkun one-way fil-ħinijiet tat-tlielaq, filwaqt li pproponiet li tkun one-way il-ħin kollu. Wara li l-Kunsill iddiskuta din il-proposta, il-Kunsill ma qabilx mal-proposta għaliex kienet ħa żżied it-traffiku f'żoni oħrajn li għandhom diġa problemi kbar ta' traffiku u użati miż-żwiemel. Il-Kunsill minflok jipproponi li jkun hemm bollards awtomatiċi li jitilgħu fil-ħinijiet tat-tlielaq.

4.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar skema ta' restawr ta' postijiet storiċi. Is-Sindku s-sur Francis Debono ppropona biex jiġi ppropost il-bini li hemm fil-Marsa Sports Complex u li jinsab fi bżonn ta' restawr. Il-Kunsill qabel unanimament. Intant, il-Viċi-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ppropona biex il-Kunsill iressaq proposta wkoll għar-restawr tal-kappella ta' Cejlu li hija mmexxija mill-Patrijiet Franġiskani. Il-Kunsill qabel unanimament. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer staqsa dwar jekk il-mina li hemm ħdejn l-Open Centre hijiex possibli li tiċċaqlaq. Is-Sindku Francis Debono wieġeb li se jkun qed isaqsi lill-perit u lill-Awtorita' tal-Ippjanar.

4.4 Dwar korrispondenza, mill-Kummissarju għat-Tfal fejn stiednu lill-Kunsilli Lokali biex jorganizzaw attivita' f'Jum Dinji tat-Tfal li tiġi ċċelebrata fl-20 ta' Novembru, il-Kunsill se jsaqsi lill-Iskola Primarja jekk hiex interessata torganizza attivita' konġunta.

4.5 Dwar korrispondenza mill-Awtorita' tal-Ippjanar dwar il-fondi disponibbli taħt l-Urban Improvement Fund, is-Sindku s-Sur Francis Debono fakkar li l-Kunsill se jkun qed japplika biex isir tisbiħ tal-vaska, manutenzjoni tat-taraġ ta' ħdejn il-latrina, u t-tisbiħ taż-żona pedonali ħdejn il-Knisja Maria Regina.

## *5. Schedule of Payments 8/16*

5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall- ħlas tagħhom kif ippreżentati. Is-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha pprezenti.

## *6. Purchase Order 4263 - 4270*

6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Orders minn numru 4263 sa 4270 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 7. *Purchase Request 3237 - 3244*

7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Requests minn numru 3237 sa 3244 għall- approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Domenic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 8. *Ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv*

8.1 Is-Sindku Francis Debono stieden lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv iressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Kumitat tal-Għażla, fil-proċess ta’ selezzjoni għall-post ta’ Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill. Huwa fisser li l-Kunsill kien irċieva ħmistax-il applikazzjoni sad-data tal-għeluq.

Minn dawn l-applikazzjonijiet kien hemm sitt applikant li ma kienux eleġibbli minħabba li la kienu diġa Segretarji Eżekuttivi u lanqas persuni li kkwalifikaw bħala Segretarji Eżekuttivi prospettivi, u li huma fil-lista uffiċjali.

Il-Bord tal-Għażla ltaqa’, skont kif hemm fil-linji gwida maħruġa mal-Memo 4/2012, u wara li ra l-applikazzjonijiet informa lill-kandidati bid-deċiżjoni tal-Bord, filwaqt li nhar l-Erbgħa 6 ta’ Lulju u l-Ġimgħa 8 ta’ Lulju l-Bord iltaqa’ għall-*interview* mas-seba’ kandidati eleġibbli peress li kien hemm żewġ kandidati li ma attendewx għall-intervista imma infurmaw lis-Segretarju li ma baqgħux interessati.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara r-rapport tal-Kumitat tal-Għażla dwar l-*interviews*, flimkien mar-rapport dwar il-proċess tas-selezzjoni, u r-rapport tal-Lista Pubblika tar-Riżultati. Huwa fisser li l-Bord tal-Għażla mexa fuq erba’ kriterji fil-proċess tas-selezzjoni tal-kandidati fejn is-Sur Edward Spiteri Audibert ġie l-ewwel. Il-Bord tal-Għażla jinnota l-kapaċitajiet individwali tal-kandidati, u wasal għal dik id-deċiżjoni fuq il-merti u l-kapaċitajiet ta’ kull kandidat.

Is-Sindku għalhekk ippropona li dan ir-rapport flimkien mad-dokumenti kollha tal-Bord tal-Għażla għall-approvazzjoni.

"Nipproponi li l-Kunsill jikkonsidra r-rikmandazzjonijiet u japprova l-għażla tal-Bord jiġifieri li s-Sur Edward Spiteri Audibert jinħatar Segretarju Eżekuttiv."

Il-Kunsillier Frank Zammit ssekonda. Il-Vot Favur kien unanimu

## 9. *Financial Quarterly Report : April – Ġunju 2016*

9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv jressaq il-Financial Quarterly Report għall-pejodu bejn April u Ġunju 2016.

9.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li r-Rapport jinkludi l-ispejjeż u dħul fil-perjodu msemmi fejn jinnota b’sodisfazzjon li l-Kunsill nefaq inqas minn dak stmat filwaqt li daħħal aktar minn

dak stmat. Dan iħalli bilanċ pożittiv aktar minn dak imbassar fil-Estimi Annwali. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *10. Tiswija ta' Bus Shelter fi Triq Qormi*

10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li l-Kunsilli Lokali huma responsabbli mill-manutenzjoni tal-Bus Shelters, fejn għalkemm dawk li saru moderni bir-riklamar kienu ġew mgħoddija lill-kumpanija privata li jagħmlu dħul minn reklamar, dawk li huma tal-ġebel bħal ta' Triq Qormi l-Kunsill għandu d-dover li jżommħa nadifa u mantnuta kif suppost.

10.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono kompla li għaldaqstant qed jipproponi biex il-Kunsill jieħu ħsieb il-manutenzjoni tagħha. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.3 Intant, il-Kunsill se jkun qed jesplora il-possibilta' ta' reklamar ma' din il-*bus shelter* sabiex iġib l-ispejjeż relatati mal-manutenzjoni ta' din il-*bus shelter*.

## *11. Stimi tat-taraġ ta' fuq il-Pont ta' San Tumas*

11.1 Is-Sindku Francis Debono fakkar li wara li fil-laqgħa preċedenti l-Kunsill qabel li ssir il-manutenzjoni ta' dan it-taraġ u sabiex napplikaw mill-fondi tal-Urban Improvement Fund, huwa kien qed iressaq l-istima tax-xogħol, li hija ta' Eur7415.

11.2 Il-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *12. Tranġar ta' ċint u parti mill-bankina ta' Triq Belt il-Ħażna*

12.1 Is-Sindku Francis Debono ressaq quddiem il-Kunsill sabiex isir xogħol ta' tranġar ta' ċint u parti mill-bankina ta' Triq il-Belt Ħażna. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona sabiex jitlob stima sabiex isir dan ix-xogħol

12.2 Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *13. Attivita' ta' Ottubru – Anniversarju tal-Ġemellaġġ ma' Bridgwater*

13.1 Is-Sindku Francis Debono stieden lill-Kunsillier Dominic Spencer jiftaħ id-diskussjoni dwar din l-attivita' li se tkun qed tikkommemora l-10 Anniversarju tal-Ġemellaġġ ma' Bridgwater.

13.2 Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer spjega li l-ħsieb huwa li jiġi mistieden kemm il-Kunsill ta' Bridgwater kif ukoll l-Assoċjazzjoni tal-Ġemellaġġ bejn Bridgwater u l-Marsa, kif ukoll lill-Kunsilli tal-bliet iġġemmelati ma' Bridgwater sabiex tassew issir ċelebrazzjoni waħda li tfakkar il-ġemellaġġ.

13.3 Il-Kunsill qabel unanimament biex il-programm ikun jinkludi dan li ġej:
- get together bis-sehem tal-għaqdiet lokali
- żjara tal-postijiet storiċi fil-Marsa
- kompetizzjoni bejn tfal tal-iskejjel
- tiżriħ ta' pjanta ingliża u plakka kommemorattiva
- fis-serata ewlenija jsir kunċert (għandhom jiġu avviċinati l-Virtuosi)

13.4 Il- Kunsillier Dominic Spencer ser ikun qed jaġġorna lill- Kunsill bl- izviluppi tal- programm fil- laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

## *14. <u>Ħruġ ta' Tender – Triq Isouard</u>*

14.1 Is-Sindku Francis Debono ressaq quddiem il-Kunsill sabiex tinħareġ sejħa tal-offerti għal proġett ta' Triq Isouard ma Triq Qormi skond il-permessi tal-Mepa. Il-preparamenti għal ħruġ tat-Tender għandhom isiru mill-Perit tal-Kunsill.

14.2 Il-Kunsillier Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *15. <u>Tweġibiet għall-mistoqsijiet preżentati mill-Kunsilliera</u>*

15.1 Il-Kunsillier s-Sur Frank Zammit ressaq petizzjoni dwar il-bżonn ta' subway fil-bypass tal-Marsa, liema petizzjoni kienet indirizzata lill-Ministru tat-Trasport u l-Infrastruttura. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li għalkemm din il-petizzjoni kienet issemmiet hija l-ewwel darba li qed tersaq quddiem il-Kunsill. Il-Kunsillier s-Sur Frank Zammit kompla li għandu laqgħa mal-uffiċjal fi ħdan Transport Malta filwaqt li huwa għadda l-petizzjoni lill-Prim Ministru wkoll.

15.2 Il-Viċi-Sindku s-Sur Josef Azzopardi irrimarka li rċieva lmenti li mhux qed isir tindif ħdejn il-kavallerija. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li se jkun qed ikellem lill-kuntrattur. Il-Viċi-Sindku kompla jsaqsi dwar għalfejn il-knis isir filgħodu u mhux filgħaxija. Is-Sindku wieġeb li dan isir skont il-ħinijiet stipulati fil-kuntratt u f'każ li l-Kunsill jixtieq li jsir knis filgħaxija huwa ssuġġerixxa biex il-Kunsill jitlob stima dwar kemm jiġi jiswa servizz extra filgħaxija. Il-Kunsill qabel li dan is-servizz extra għandu jingħata darbtejn fil-ġimgħa għal sagħtejn kull darba fix-xhur ta' Awwissu u Settembru.

15.3 Il-Kunsillier Jean Paul Zammit talab biex il-Kunsill jikteb lill-LESA dwar bżonn ta' infurzar tal-liġijiet tal-Littering Act, peress li qed ikun hemm ħafna ħmieġ ta' klieb u munzelli ta' boroż ta' skart f'ħafna postijiet.

15.4 F'dan l-istadju tal-laqgħa (fis-7.55pm) il-Kunsillier s-Sur Frankie Zammit skuża ruħu mil-laqgħa.

15.5 Il-Viċi-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ġibed l-attenzjoni dwar il-bżonn li Triq is-Sajjieda tiġi maħsula. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li l-Water Service Corporation għadha kif

bdiet xogħol ta' manutenzjoni fuq din it-triq bil-għan li tiġi ddentifikata u solvuta l-problema ta' drenaġġ f'din it-triq.

15.6 Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit issuġġerixxa biex issir kampanja edukattiva dwar ir-riċiklaġġ tal-iskart. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li fil-fatt il-Green Pak kellha tibda din il-kampanja edukattiva billi jmorru dar dar.

## *16. <u>Aġġornament tal-Laqgħa</u>*

16.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 28 ta' Settembru 2016 fis-sitta u kwart ta' filgħaxija (6.15pm).

Il-laqgħa spiċċat fit-tmienja u ħamsa ta' filgħaxija (8.05pm)

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |

28 ta' Settembru 2016